MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 843/2001/1

**Citazzjoni numru 843/01 GC**

**Mirya Limited**

**vs**

**Lapsi Holdings Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta hija veru, cert u likwidu debitur a favur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt'elef, tmien mija u sitta u tletin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm6836.42) rapprezentanti f'bejgh, konsenja u xoghol ta' hgieg u mirja (Dok A);

Illi s-socjeta’ konvenuta ghalkemm interpellata sabiex thallas hija baqghat inadempjenti;

Illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandiex eccezzjonijiet x’taghti ghat-talbiet tas-socjeta’ attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit immarkat Dok. B ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex m’ghandiex din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-provi ai termini tal- artikolu 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara s-socjeta’ konvenuta veru, cert u likwidu debitur a favur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sitt’elef, tmien mija u sitta u tletin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm6836.42), oltre imghax legali;

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s- somma ta’ sitt’elef, tmien mija u sitta u tletin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm6836.42), oltre, l-imghax legali;

Bl-ispejjes tal-mandat ta’ sekwestru numru u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huwa infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont pretiz huwa eccessiv stante illi jinkludi imghaxijiet li mhumiex dovuti u li gew mahduma b’mod kompost u mhux skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru 2002;

Ikkonsidrat:

It-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement ippruvati u ghalhekk jisthoqqilhom li jigu akkolti;

Is-socjeta konvenuta naqset li tipproduci provi in sostenn ta' dak li gie sottomess fin-nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk l-eccezzjonijiet ma gewx ippruvati u ghandhom jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt'elef, tmien mija u sitta u tletin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm6836.42) u dana ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.